jum li nitħaddtu fiha ħafna mill-elementi tal-poeżija (naħseb li ħadd ma jistagħġeb kif stagħġeb *le bourgeois gentilhomme* ta' Molière meta nduna *qu'il faisait de la prose sans le savoir*). "The figures of speech are not artificial innovations or mannerisms of the writing fraternity; they are natural to man." Fil-proża l-elementi poetiċi huma mxerrda, maqtugħin minn xulxin; l-unità tal-proża tiġi mill-unità tal-ħaġa, l-unità tal-poeżija mill-unità ta' l-idija. Il-proża donnha ċinefilm b'għadd ta' *snapshots* ta' bniedem, il-poeżija ritratt impitter (*portrait painting*).

Id-*Divina Commedia* hi magħquda kollha kemm hi bl-allegorija qofol tal-vjaġġ mis-*selva oscura*, l-infern, il-purgatorju sal-ġenna; allegorija li bejn wieħed w ieħor tfisser il-kif tar-riforma spiritwali u soċjali tal-bniedem. L-*Inferno* huwa l-bidu ta' din ir-riforma — il-għarfa tad-deġenerazzjoni tal-bniedem ħtija tiegħu. Il-*Purgatorio* jurina sa fejn jista' jasal il-bniedem bil-ħila tiegħu, dment li l-Grazzja daqqa jmur magħha w daqqa kontriha. Il-*Paradiso* jġib quddiem għajnejna kif ikun il-bniedem meta jingħaqad m'Alla.

F'kull waħda minn dawn it-taqsimiet kbar hemm allegoriji oħra li aktarx fihom allegoriji iżgħar.

Biex niftehmu iktar, fil-bidu ta' din il-ktiba xebbaht id-*Divina Commedia* ma' binja, semmejt il-pjanta, il-bibien u l-imfietaħ; għaliex l-allegoriji, il-figuri, l-*images*, waħda tagħti fl-oħra w ilkoll taħt saqaf wieħed.

U spiċċajna kif bdejna bit-tixbih u bil-metâfra għax aħna hekk nitħaddtu u sakemm nibqgħu bnedmin hekk nifhmu w niftehmu *as through a glass darkly*.

Detroit, MARĊELL MIZZI.
Nov. 26-Dec. 4, 1951.

## IL-MUŻA

*It-tfal li ngħallem, imqarqċin, bi ħlieqa,*
*Staqsewni xinhi l-Muża. U jiena: "Din."*
*Weġibthom bi tbissima. "għandha mid-dmija*
*Kli ċarċar Ġesù għall-midinbin."*

*Indehxu t-tfal u ħmaru u tbikkmu u regħxu,*
*U qalu f'qalbhom, "Mela din mhix ċajt,*
*Kif konna naħsbu aħna l-boloħ. Muża*
*Tfisser Passjoni, u mhux biċċa qubbajd!"*

*U jien, bil-ħlewwa u b'qatra dmugħ f'għajnejja,*
*Żidt infissrilhom kemm inħqart u bkejt*
*Meta kont tifel bħalhom, kwiet u misthi,*
*Dejjem waħdi mal-kotba li ħabbejt.*

*Fil-klassi waqqħet sikta, u t-tfal ġo ħarsti*
*Sammru ħarsithom niedja u ma tniffsux*
*Ħakmitna l-Muża lkoll b'għaġeb seħerha;*
*W għallmitna ħwejjeġ li ma jitfissrux.*

7/IX/51. K. VASSALLO